MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2006

Appell Civili Numru. 419/2003/1

**Francis Chetcuti**

**vs**

**Citadel Insurance p.l.c.**

**Il-Qorti,**

Fil-11 ta' Lulju, 2005, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avvizipprezentat mill-attur fis-26 ta' Awissu, 2003 fejn talab lil din il-Qorti ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' hamest elef lira Maltin (Lm5,000) dovuta mis-socjeta' konvenuta in forza ta' polza ta' assigurazzjoni (Ref: CHE/502/200571) li kienet tkopri l-vettura Lancia Thema b'numru ta' registrazzjoni

EGO-007 li giet misruqa, prevja d-dikjarazzjoni li l-istess polza kienet tkopri s-serq.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittri nterpellatorji tal-21 ta’ Novembru, 2002 u tat-18 ta’ Gunju, 2003, tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentat kontestwalment ma’ l-Avviz ghas-smiegh, u bl -imghax legali minn Marzu 2000, mid-data tas-serq tal-vettura,, kontra s-socejta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tas-socejta’ konvenuta fejn ecciet:

1. Illi ma sehh ebda ncident li ghalih ghandha taghmel tajjeb is-socjeta’ eccipjenti;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici ghandhom fi kwalunkwe kaz jigu respinti stante li l-attur kiser l-obbligu ta’ *uberrimae fidei,* kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza, billi ghamel dikjarazzjoni falza fil-proposal form, li kif inhu risaput hija parti ntegrali tal-polza ta’ l-assikurazzjoni, u kwindi dikjarazzjoni falza maghmula fil-proposal form hija qisha dikjarazzjoni falza fil-polza;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont indikat mill-attur bhala valur tal-vettura allegatament misruqa huwa esagerat u ma jirriflettix il-valur reali tal-vettura;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda talba ghall-hlas ta’ hamest elef lira Mlatin (Lm5,000) wara serqa ta’ karozza assikurata mas-socjeta’ konvenuta, liema socjeta’ qeda teccepixxi illi m’hijiex tenuta li thallas peress illi l-attur halla barra

nformazzjoni mportanti waqt illi kien qed jimla’ l-*proposal form.*

Irrizulta mill-provi illi fid-29 ta’ Lulju, 1998 l-attur Francis Chetcuti mar fl-ufficini tal-Fenici Insurance biex japplika ghal assikurazzjoni tal-vettura tieghu Lancia Thema bin-numru tar-registrazzjoni EGO 007. L-applikazzjoni giet mimlija minn wiehed mill-iskrivani tas-socjeta’ Fenici u mibghuta lis-socjeta’ konvenuta li accettat it-talba ta’ l-attur ghall-assikurazzjoni. Dakinhar il-karozza giet assikurata b’polza ‘third party fire and theft’ fuq is-somma ta’ hamest elef lira Maltin (Lm5,000).

Fit-18 ta’ Marzu, 2000 il-karozza giet misruqa, sar rapport lill-Pulizija fid-19 ta’ Marzu, 2000 (fol. 47). L-attur ghamel talba ghall-kumpens skond il-polza li kellu mas-socjeta’ konvenuta. Din, pero’ rrifjutat illi thallas peress illi rrizultalha illi fl-1997 insterqet karozza tat-tip Opel Tigra li kienet assikurata fuq polza mahruga fuq isem l-attur, ghad illi l-vettura kienet proprjeta’ tat-tifel tieghu, Isacc. Is-socjeta’ konvenuta dehrilha illi dan in-nuqqas jammonta ghal *non disclosure* ghal fini ta’ l-assikurazzjoni u ghalhekk irrifjutat ili thallas.

Skond Dr Edward Zammit Laferla*, legal affairs executive* mas-socjeta’ konvenuta, din l-ahhar socjeta’ kienet qed tikkontesta t-talba ta’ l-attur fuq zewg binarji, wahda fuq *non disclosure* ta’ fatt determinanti u t-tieni li l-valur dikjarat tal-karozza ma kienx jirrispetta l-vera valur tas-suq taghha u skond il-*guide* illi kellhom fis-sena 2000, il-karozza kellha tkun tiswa’ tlett elef u hames mitt lira Maltin (Lm3,500) [fol. 53].

Ikkunsidrat:

Quindi l-vertenza illi hemm bejn il-partijiet iddur l-aktar fuq il-kwistjoni ta’ *non disclosure*. Jekk dan is-serq li averra ruhhu fl-1997, kellux jigi dikjarat mill-attur meta kien qed jimla’ l-*proposal form* fl-Lulju, 1998. Il-fatti jidhru illi huma ammessi bejn il-partijiet.

Il-karozza Opel Tigra kienet proprjeta’ tat-tifel ta’ l-attur, Isacc ghad illi l-assikurazzjoni kienet fuq l-attur. It-talba giet ipprocessata mit-tifel Isacc u l-hlas sar lilu. B’ittra datata 19 ta’ Settembru, 2001 [fol. 23] Brian Valenzia, ghall-Atlas Insurance iddikjara illi huma kienu jafu bil-kaz ta’ l-Opel Tigra, pero’ ghal dak illi jirrigwarda l-attur qal kategorikament, “No claims were ever lodged by Mr Francis Chetcuti.”

Il-Qorti hawnhekk trid tindaga u tara safejn jista’ jinghad, li *no claims were ever lodged* by Mr Francis Chetcuti.

Ikkunsidrat:

Taht it-taqsima ‘The Driver” fil-*proposal form* a [fol. 20] inghad, “Has any person mentioned above (f’dan il-kaz, l-unika isem illi hemm indikat huwa ta’ Franvcis Chetcuti, l-attur) had any accident/loss in connection with any motor car during the past three years?” Ghal din id-domanda l-attur wiegeb “no”.

Il-Qorti jidhrilha illi kif kienet impustata din id-domanda, fil-kuntest biss ta’ l-assikurat Francis Chetcuti dan ta’ l-ahhar kellu ragun jirispondi fin-negattiv, peress illi hu qatt ma kellu ncident jew xi telf in konnessjoni ma’ xi karozza f’dawk l-ahhar tliet snin. Jekk kien hemm xi telf, dina ma kinitx tieghu, izda tat-tifel Isacc u r-risarciment ta’ dak it-telf sar lit-tifel Isacc u mhux lilu.

Ghalhekk, il-parametri ta’ din id-domanda, li gew imqeda mill-istess socjeta’ assikuratrici gew imwiegba korrettement mill-attur, peress illi hu qatt ma sofra ncident jew xi telf in konnessjoni ma’ xi karozza f’dawk l-ahhar tliet snin.

F’dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza ghall-kuncett ta’ l-aqwa fiducja, (uberrimae fide) u ghal gurisprudenza kostanti li spjegat fil-fond dan il-kuncett. Fosthom hemm <u>Joseph Mamo vs John Formosa et noe</u> deciza mill-Prim’Awla fl-10 ta’ Dicembru, 2004. <u>Joseph Rizzo vs John Formosa noe</u> ukoll fil-Prim’Awla deciza fit-3 ta’

Ottubru, 2002 u Alfred Cuschieri vs Middle Sea Insurance deciza mill-Qorti tal-Magistrati fit-12 ta' Marzu 2001.

A skans ta' ripetizzjoni taghmel piena referenza ghall-gurisprudenza u awturi kkwotati f'dawn is-sentenzi.

Ghalhekk, il-kwistjoni li trid tigi ventilata mill-Qorti tirrigwarda l-obbligu o meno tal-proponent li jmur oltre dak li gie mitlub minnu fil-*proposal form.*

Ikkunsidrat:

Il-parametri tal-mistoqsija fil-*proposal form* gew mghamula mis-socjeta' konvenuta, liema parametri saru apposta sabiex jghinnuha fid-deliberazzjoni taghha ghandhiex taccetta t-talba tal-proponent jew le. Presumibilment dik id-domanda ghandha l-ingredjenti rilevanti kollha ghalbiex is-socjeta' konvenuta tasal ghall-konkluzjoni taghha. Kwalunkwe haga illi ma tohrogx minn dik id-domanda, quindi mhijiex rilevanti ghas-socjeta' konvenuta li, mehud in kosiderazzjoni il-mod kif gew impustati, il-precizjoni u l-frekwenza tad-domandi, jkopru dak kollu li hu rilevanti ghal skopijiet ta' l-assikurazzjoni. Skond il-principju tad-dritt Ruman 'expressum facit, cessare tacitum' meta kollox hu espress xejn ma hu presunt, ergo dak illi ma jitolbux mhux rilevanti u l-proponent ikun justifikat li jzomm lura nformazzjoni illi ma tkun mitluba. F'dan il-kaz, il-Qorti hija sofisfatta illi fil-fatt l-attur ma zammx l-informazzjoni apposta izda genwinament seta' ddikjara illi huwa ma sofra l-ebda telf jew incident in konnessjoni ma' xi vettura f'dawk l-ahhar tliet snin.

L-istess Joseph Perici Calascione, direttur tal-Fenici insurance brokers, illi nzerta jaf lill-attur ppersonalment tul medda ta' diversi snin, jghid illi kieku kienu jafu b'xi haga kienu jkunu huma stess illi jigbdu l-attenzjoni ta-proponent ta' dak illi kien qieghed jiddikjara. F'dan il-kaz ma kellhom l-ebda diffikulta li jimlew il-*proposal form* u jibaghtuha lis-socjeta' konvenuta ghall-accettazzjoni kif propost.

Ghalhekk, din il-Qorti jidhrilha illi mehud in konsiderazzjoni 'l fuq espost ma jistax jinghad illi sar xi *non disclosure* da

parti ta’ l-attur meta mela l- l-*proposal form* fid-29 ta’ Lulju, 1998.

Ghal dak illi jirrigwarda l-valur tal-vettura, skond il-*proposal form* din giet stmata fil-valur tas-somma ta’ hamest elef lira Maltin (Lm5,000). Meta sar l-incident fis-sena 2000, tilfet aktar mill-valur biex giet tiswa’ l-ammont ta’ tlett elef u hames mitt lira Maltin (Lm3,500).

Hawnhekk, il-Qorti jidhrilha li s-socjeta’ konvenuta ghandha ragun illi toffri kumpens f’din l-ahhar cifra. Bejn l-1998 u l-2000 ma hemmx dubju li l-karozza komkpliet titlef il-valur u l-assikurat ghandu dritt ikun kkompensat skond il-*market value* tal-karozza dakinhar illi nsterqet u cioe fit-18 ta’ Marzu, 2000.

Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha li s-socjeta’ konvenuta ghandha tikkumpensa lill-attur fis-somma ta’ tlett elef iu hames mitt lira Maltin (Lm3,500) u mhux is-somma ta’ hamest elef lira Maltin (Lm5,000) kif qed jippretendi.

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ta’ l-attur u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta li thassu s-somma ta’ tlett elef iu hames mitt lira Maltin (Lm3,500) in forza ta’ polza ta’ assikurazzjoni (Ref: CHE/502/200571) li kienet tkopri l-vettura Lancia Thema b’numru ta’ registrazzjoni EGO-007 li giet misruqa, liema polza kienet tkopri tali serq.

Stante dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti jidhrilha li l-ispejjez ghandhom ikunu merfughha ghal kwantu ghal-nofs mill-attur u nofs mill-konvenut, bl-interessi legali li jibdew jiddekorru mid-data ta’ din is-sentenza.”

Is-socjeta` assiguratrici konvenuta appellat minn din is-sentenza bl-aggravju li s-sentenza ta’ l-ewwel Qorti kienet ibbazzata fuq apprezzament zbaljat tal-principju ta’ “*uberrimae fidei*” kif ukoll tal-fatti. Hi tinsisti li l-attur appellat ghamel dikjarazzjoni falza fuq il-*proposal form* u

ghalhekk kellha kull dritt ma tintrattenix il-*claim* tieghu ghar-rizarciment tal-vettura assigurata li giet derubata;

L-attur wiegeb ghal dan l-aggravju bis-sottomissjoni li s-sentenza appellata kienet gusta u korretta fl-apprezzament taghha fil-meritu. Hu, b' danakollu, ipprevalixxa ruhu mill-appell principali biex iressaq appell incidentali, suddiviz f' dawn it-tliet aspetti, u cjoe:-

(i) Rigward l-ammont ta' kumpens likwidat is-socjeta` konvenuta ma ghamletx il-prova tal-*market value* tal-vettura imma strahet fuq l-esebizzjoni ta' estratt mill-*guide book* li ma jirriflettix il-valur tal-vettura partikulari, anke meta jittiehed qies ta' dak li xehed Joe Perici Calascione f' dan il-kuntest;

(ii) L-ispartizzjoni tal-kap ta' l-ispejjez ma kienetx gusta, gjaladarba l-Qorti laqghet il-principju u d-dritt ghall-hlas reklamat u kull ma sar kien biss riduzzjoni tas-somma pretiza fl-avviz;

(iii) L-ewwel Qorti zbaljat meta ordnat li l-interessi legali jithallsu mid-data tas-sentenza u mhux mid-data tal-*claim* fis-sena 2000;

B' introduzzjoni preliminari m' hemmx dubju li kuntratt ta' assigurazzjoni hu kuntratt konsenswali, aleatorju, oneruz, bi prestazzjonjiet korrispettivi u ghal zmien. Sottostratt fundamentali tieghu hu mbaghad l-*uberrimae fidei*. Dan fis-sens illi, kif ahjar imfisser mill-Qorti ta' l-Appell, “kemm il-persuna assigurata kif ukoll is-socjeta` assiguratrici kellhom l-obbligu mhux biss li jagixxu bl-aqwa bona fidi fil-konfront ta' xulxin, imma wkoll l-obbligu li qabel ma jigi konkluz il-kuntratt ta' assigurazzjoni jaccertaw ruhhom minn dawk l-elementi ta' fatt li kienu rilevanti u materjali u li kienu jiddeterminaw il-volonta` taghhom li jikkonkluduh. U daqs kemm kien indubbjament obbligat l-assigurat li jizvela dawk il-fatti lill-assiguratur taht piena ta' rexxissjoni tal-kuntratt, daqstant iehor l-assiguratur kien obbligat li jitlob minn ghandu dik l-informazzjoni fuq fatti li fil-fehma

tieghu kienu rilevanti u materjali." – "**Joseph Muscat -vs- Joseph Gasan *et nomine***", 6 ta' Ottubru 1999;

Dan affermat iwassal ghall-kunsiderazzjoni tad-dokument tal-*proposal form*, anke ghaliex dan, kif ritenut, "hu parti integrali tal-polza ta' l-assigurazzjoni " (**Kollez Vol. XXXVI P I p 610**). Jinghad, b' tifsira, illi "l-*proposal form* hi nfatti dokument preparat mis-socjeta` assiguratrici, li hu mahsub biex jiffacilita` l-gbir ta' l-informazzjoni u risposti dwar il-kwalita` ta' riskju li hu mixtieq li jigi assigurat. Utli ghall-uniformita` u precizjoni u jghin lill-assigurazzjoni biex tapprezza aktar fedelment u facilment ix-xewqat tal-klijent taghha" – "**Adriano Cassar Galea *nomine* -vs- Paul Camilleri**", Appell, sede Inferjuri, 31 ta' Lulju 1996;

Jitnissel minn din l-enuncjazzjoni illi l-*proposal form* hi vitali in kwantu hu fuq il-valutazzjoni tar-risposti ghad-domandi li l-assiguratur jassigura r-riskju. Li jfisser li l-assigurat hu allura fl-obbligu li jikkopera b' mod shih u komplet u li jforni informazzjoni preciza. Certament, il-vjolazzjoni ta' dan l-obbligu kapaci titraduci ruhha fl-annullament *ex tunc* jew ir-recess *ex nunc* da parti ta' l-assiguratur. Ovvjament, fejn ma jkunx hemm din il-vjolazzjoni ta' l-obbligu predett, il-valutazzjoni errata tar-riskju tibqa' a karigu ta' l-assiguratur. Ukoll, l-inezattezzi jew reticenzi mill-assigurat dwar cirkostanzi li l-assiguratur kien jaf bihom jew messu kien jaf bihom ma jgibu ebda vjolazzjoni tad-dover ta' dik il-kollaborazzjoni spettata mill-assigurat. Ara wkoll f' dan is-sens **Kollez. Vol. XLVI P II p 656**;

Maghdud dan, kif opinat fil-precitata sentenza ta' l-Appell, kollegjalment komposta, "certament kellha ssir attenzjoni partikolari illi l-assigurat fil-mili tal-*proposal form* ma jigix zvijat, anke jekk involontarjament b' domandi li jitolbu informazzjoni li kienet ovvjament relatata u materjali, imma li jonqsu li jitolbu fuq l-istess materja, informazzjoni ohra li s-socjeta` assiguratrici apparentement kienet ukoll qed tqis li kienet rilevanti u materjali. F' dawn ic-

cirkostanzi, l-assigurat gustament jista' jirreklama li hu kien gie zvijat proprju bil-mod kif ikunu gew lilu impostati d-domandi. Ma kienx allura gust illi s-socjeta` assiguratrici tiehu f' sitwazzjoni ta' din ix-xorta vantagg indebitu proprju minn nuqqas taghha" ("**Muscat -vs- Gasan *et nomine***", 6 ta' Ottubru 1999);

Dan kollu gie rilevat u registrat in kwantu hu bil-wisq ovvju illi l-kwestjoni involuta f' dan il-kaz tirriverti fuq l-interpretazzjoni li trid tinghata lil certa domanda specifika kontenuta fil-*proposal form* (kopja esebita a fol. 19) u t-twegiba ghaliha, esposti wkoll fil-korp tas-sentenza appellata;

Jinghad fis-sentenza tal-Qorti Ingliza, King's Bench Division, in re "**Stebbing -vs- Liverpool and London and Globe Insurance Co. Ltd**", (1916 - 17 – All ER Rep 248, riportata fil-**Hardy Ivamy**, "**Casebook on Insurance Law**", Fourth Ed, pagna 10), "*The burden of proving that the insured is guilty of non-disclosure or misrapresentation of a material fact lies on the insurer*". Ara wkoll fuq dan il-punt **Qorti Taljana tal-Kassazzjoni (2000, Numru 15939**) citata fis-sentenza tal-Qorti Civili, Prim' Awla, in re "**Mario Mizzi *nomine* -vs- Mario Grech et nomine**", 3 ta' Ottubru 2003. Fil-kaz in ezami s-socjeta` assiguratrici appellanti tallega li l-attur appellat ommetta li jsemmi, ossija li pprovda informazzjoni inveritiera fuq il-*proposal form* billi irrizultalha li l-attur kien involut f' "*accident*" antecedenti li ssemmi d-domanda posta lilu. Dan ghaliex, dejjem skond l-istess socjeta` assiguratrici appellanti, l-attur kellu vettura ohra registrata f' ismu li kienet sfat misruqa, u l-informazzjoni dwarha kellha tigi zvelata lilha. Dan anke jekk il-beneficcju ta' l-assigurazzjoni ta' dik il-vettura ghadda ghand iben l-attur;

Jibda biex jinghad, anke ghaliex il-punt gie sollevat mis-socjeta` appellanti, illi l-fatt li l-*proposal form* giet mimlija minn socjeta` ta' *brokers*, u mhux mill-attur personalment, dan ma ghandu ebda rilevanza ghall-kwestjoni involuta, in

kwantu fil-mili ta' dik il-formula din is-socjeta` ta' *brokers* agixxiet bhala agent ta' l-assigurat u mhux ta' l-asigurazzjoni. Ara sentenza tal-Qorti tal-Kummerc tal-5 ta' Mejju 1966 in re "**Maurice *sive* Morris Meli Bugeja -vs- Charles Degiorgio *nomine***", u fejn saret riferenza wkoll ghad-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell Ingliza in re: "**Newsholme Bros -vs- Road Transport and General Insurance Co. Ltd.**" (1929 – All ER Rep 442). Ara wkoll "**Lawrence Azzopardi *et* -vs- Joseph Muscat *et***", Appell, 7 ta' Ottubru 1997;

Precizata din l-osservazzjoni, huwa principju akkolt mill-kazistika Ingliza illi "*a fair and reasonable construction of the question and answers in a proposal form must be adopted*" - "**Austin -vs- Zurich General Accident and Liability Insurance Co. Ltd**" (1944 – 77 Lloyds Rep. 409);

L-ewwel Qorti irragunat illi minn kif impustata d-domanda, l-attur, nonostante li l-vettura l-ohra kienet registrata f' ismu, u anke assigurata fuqu, kellu ragun iwiegeb fin-negattiv in kwantu hu la kellu *accident* u lanqas telf gjaladarba wkoll l-beneficcjarju ta' dak it-telf subit bis-serq tal-vettura kien iben l-attur. Naturalment biex waslet ghal dan dik il-Qorti attribwiet importanza lix-xhieda ta' Joseph Perici Calascione, direttur tal-Fenici Insurance Brokers Ltd (fol. 17A) u, fuq kollox, id-dikjarazzjoni kontenuta fl-ittra ta' Brian Valenzia, ghan-nom ta' Norwich Union Fire Insurance (Gibraltar) Ltd, esebita a fol. 23 li testwalment tghid li "*no claims were ever lodged by Mr Francis Chetcuti*" u l-hlas effettivament sar lil Isaac Chetcuti;

Fil-hsieb ta' din il-Qorti persuna ragonevoli ghandha ghalfejn tahseb li l-iskop tad-domanda, kif impostata, kienet intiza u limitata ghall xi "*accident*" jew "*loss*" antecedenti in kwantu dan jikkoncerna lill-proponent. Din tidher li kienet kjarament l-intenzjoni u allura t-tifsira korretta tal-mistoqsija u tat-twegiba ghaliha. Ma kienx hemm allura dik il-"*misrepresentation of the true facts and*

*situation, of a nature of the trap*" li ssemmi s-sentenza "**Condogianis -vs- Guardian Assurance Co. Ltd**" (1921 – 125 LT 610) jew "*la volontarieta` e la consapevolezza che la dichiarazione sia inesatta o reticente*" (**Qorti Taljana ta' Kassazzjoni, 14 ta' Frar 2001, Nru. 2148; 12 ta' Mejju 1999, Nru. 4682**);

Jinghad *in subjecta materia* f' decizjoni ohra tal-Qorti Ingliza ("**Schoolman -vs- Hall**", 1951, Lloyds Rep 139), anke jekk hawn ukoll irid jinghad li dik il-Qorti ma naqsetx milli tirrileva l-obbligu generali tad-"*disclosure*" ta' kull fatt materjali li seta' jimpingi fuq ir-riskju, illi "*it is unnecessarily plain that questions in a proposal form may be so framed as necessarily to imply that the underwriter only wants information on certain subject matter, or that within a particular subject matter their desire for information is restricted within the narrow limits indicated by the terms of the question, and, in such case, they may pro tanto dispense the proposer from what otherwise at common law would have been a duty to disclose everything material*";

Fuq dawn is-senjalazzjonijiet kollha din il-Qorti hi tal-fehma illi l-kuncett ta' l-"*uberrimae fidei*" f'kuntratti ta' assikurazzjonijiet ma ghandux jitrasmoda la f' interpretazzjoni indiskriminata u lanqas f' oneru zejjed fuq l-assigurat, b' mod li kull skuza tissarraf f' rezistenza biex l-assigurazzjoni tevita li tonora *claim* meta din tirrizulta, fil-fattispeci partikulari, li tkun gustifikata.  Hu l-kaz allura, tenut rigward tac-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, u fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' fatt u ta' dritt fuq esposti, illi, bl-adozzjoni tar-ragonament ta' l-ewwel Qorti, l-appell principali lilha sottomess ma jimmeritax li jigi akkolt;

Kwantu ghall-appell incidentali ta' l-attur appellat, irid qabel xejn jigi osservat illi l-hlas kontemplat f' kuntratt ta' assikurazzjoni hu wiehed ta' indennizz u mhux ta' rizarciment, ta' natura pekunjarja u kontenut determinabbli fil-mument li fih jigi verifikat it-telf.  Dan fis-sens illi l-hlas

ghandu jekwivali ghat-telf subit mill-assigurat fil-patrimonju tieghu. Minn dan jitnissel li fl-accertament tat-telf ma tistax tigi attribwita lil haga assigurata valur superjuri minn dak li kellha fil-mument tas-sinistru. Konsegwentement is-somma massimali stabbilita fil-polza ta' l-assigurazzjoni hi, ghal skop ta' re-integrazzjoni tat-telf soffert, suxxettibbli ta' adegwatament awtomatiku in relazzjoni ghall-valur reali taghha kif kien fil-mument effettiv ta' l-incident, jew tas-serq f' dan il-kaz. Din il-Qorti ghalhekk ma ssib xejn hazin jew inidoneu illi l-ewwel Qorti adottat bhala valur dak l-ammont li kien indikat lilha ghall-vettura ta' l-istess tip u sena ta' manifattura stabbilit fil-"Motor Vehicle Values 2000" li estratt tieghu jinsab esebit a fol. 53. L-ewwel aggravju ta' l-attur appellat qieghed ghalhekk jigi skartat;

Il-Qorti pero` ssib aktar sens fl-aggravju devolut lilha mill-istess attur dwar id-dekorriment ta' l-interessi. Huwa konkordament accettat mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni illi l-indenniz hu dovut mill-mument tas-sinistru. B' danakollu, jinsab ragonat ukoll, illi "*l' assicuratore non è costituito in mora ipso facto per il solo verificarsi del sinistro, ma lo è dal momento in cui l' assicurato avanza formale richiesta di indennizzo, ex art 1219 codice civile*" (**C 99.13342**). F' dan il-kaz allura taht il-ligi taghna ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 1139 u 1140 tal-Kodici Civili mid-data li l-attur ipprezenta t-talba tieghu ghall-hlas, ossija mid-29 ta' Marzu 2000 (ara dokument a fol. 40);

Riferibilment ghall-kap ta' l-ispejjez din il-Qorti ma jidhriliex li hemm ragunijiet sufficcjenti biex tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti dwar il-mod kif spartithom. Intqal fis-sentenza fl-ismijiet "**Kummissarju ta' l-Artijiet -vs- Emanuel Aquilina *et***", Appell, 5 ta' Ottubru 2001, illi "dawn ma kellhomx u m' ghandhomx jigu ripartiti sempliciment abbazi ta' proporzjon matematiku ghat-talbiet milqugha jew michuda" jew in proporzjon ghal xi riduzzjoni tas-somma reklamata. Ma tezisti ebda norma ta' dritt talment tassattiva u inflessibbli li ma tippermettix li f' certi kazijiet il-Qorti adita tippresta l-gudizzju taghha

dwar il-kap ta' l-ispejjez bil-mod kif il-kaz, b' kunsiderazzjoni maturata, ikun hekk koxjenzjozament jiddettalha. Dan l-aggravju qieghed konsegwentement jigi respint.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tichad l-appell principali tas-socjeta` assiguratrici konvenuta u f' dan il-kuntest tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez jitbatew minnha. Tilqa' biss in parte l-appell incidentali fir-rigward ta' l-aggravju relattiv ghad-dekorriment ta' l-interessi billi tiddikjara li dawn ghandhom jibdew jghaddu mid-29 ta' Marzu 2000. L-ispejjez relattivi ta' l-appell incidentali jigu sopportati terz (1/3) mis-socjeta` konvenuta u zewg terzi (2/3) mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------